**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 30//2023 RM**

**Dr. Raymond Bondin**

**-Vs-**

**Mons. Emmanuel Agius**

**Cynthia Degiorgio**

**Illum, 18 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-attur, Dr. Raymond Bondin fir-Reġistru tal-Qorti fis-6 ta' Frar 2023 fejn talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh somma li din il-Qorti tiddertermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap 579) bħala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta permezz ta' kitba fil-ktieb bl-isem 'St. John's Co-Cathedral: Looking after a cultural gem, 20 years of restorantion and conversation' li kellu lill-konvenuta Cynthia De Giorgio bħala Editur u ippubblikat mill-Fundazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Gwann. Immalafaw lill-attur permezz ta' kitba b'dan il-ktieb fosthom dak li hemm f'pagna 13 tal-istess ktieb fejn il-konvenuta Dr Giorgio kitbet "Several parts of the Church and arefacts had undergone previous

interventions to save them or brighten them up, however good intended, the results were often very unfortunate....”. Illi dan u aktar li hemm f’dan il-ktieb joħolqu malafama u jikkawżaw danni lill-attur stante li huwa kien sa mill-1987 u għall-ħafna snin responsabbli għal ħafna proġetti ta’ restawr li saru fil-Kon-Katidral ta’ San Gwann.

Bl-ispejjes u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Inthom ingunti ukoll sabiex tidhru in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti ppreżentat fir-Reġistru fl-10 ta’ Marzu 2023, fejn ġie eċċepit:-

“*1. Preliminarjament, l-eccepjent Mons. Emanuel Agius mhux legittimu kuntradittur ghat-talba tal-attur, u dan fit-termini tal-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u Malafama (Kap. 579 tal-Ligijiet ta’ Malta).*

*2. It-talbiet attrici huma infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda b’ispejjez kontra l-attur.*

*3. Il-kliem li jilmenta minnhom l-attur ma jikkostitwux stqarrija diffamatorja fit-termini tal-Att. dwar il-Medja u Malafama (Kap 579 tal-Ligijiet ta’ Malta).*

*4. F’kull kaz ukoll u minghajr pregudizzju, il-kkument fl-introduzzjoni tal-ktieb li rreffera ghalih l-attur jikkostitwixxi l-opinjoni onesta tal-awtur fit-termini tal-artiklu 4(2) tal-Att dwar il-Midja u Malafama (Kap 579 tal-Ligijiet ta’ Malta).*

*5. Inoltre, l-istess kumment, jew dikjarazzjoni, li dwaru sar l-ilment, jifforma parti minn dikjarazzjoni ta’ materja ta’ interess pubbliku fit-termini tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u Malafama (Kap 579 tal-Ligijiet ta’ Malta).*

*Salv eccezzjonijet ulterjuri”.*

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023 fejn ġie deċiż illi l-kawża tiġi mismugħa u determinata minnha għaliex ma ġiex riskontrat lok għal proċess ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, in vista tal-fatt ukoll li l-allegat malafama hija dwar ktieb diġa' pubblikat.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

L-attur, Dr. Raymond Bondin, qiegħed jimpunja diversi siltiet fil-ktieb bl-isem '*St. John's Co-Catherdral: Looking After a Cultural Gem – 20 years of Restoration and Conservation*', ippubblikat għall-ewwel darba fl-2021[1].

Skont kif jinsab dikjarat testwalment fil-ktieb innifsu, u kif imfisser fix-xhieda tal-konvenuti, il-pubblikazzjoni tal-ktieb fl-għoxrin anniversarju tat-twaqqif tal-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann - korp indipendenti li ġie mwaqqaf fl-2001 biex jamministra l-monument - kienet intiża biex jiġi dokumentat it-twettiq tal-proġetti ta' restawr u konservazzjoni li saru taħt il-ħarsien tal-Fondazzjoni minn

[1] Jidher li l-azzjoni ġiet istitwita iktar minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb.

mindu din ġiet imwaqqfa, kif ukoll biex jiċċelebra s-suċċess tal-istess Fondazzjoni fil-missjoni tagħha li terġa' tirrestawra d-dinjita' u glorja lill-Katidral bħala monument ta' preġju storiku u kulturali uniku. Fil-fatt, il-parti l-kbira mill-korp tal-ktieb tikkonsisti fi spjega teknika tal-proċess ta' restawr, ibbażat fuq ir-rapporti tar-restawraturi involuti fil-proġetti rispettivi.

Il-konvenut Mons. Emmanuel Agius huwa l-President ta' din il-Fondazzjoni u jirriżulta wkoll li kiteb il-'*Foreword*' tal-ktieb, filwaqt li l-konvenuta Cynthia Degiorgio hija l-kuratriċi tal-Fondazzjoni[2] kif ukoll, dikjratament, l-editur tal-ktieb.

Illi qabel xejn jeħtieġ li tiġi determinata l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti, fejn ġie eċċepit li l-konvenut Mons. Emmanuel Agius m'huwiex leġittimur kontradittur tat-talba tal-attur.

L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att') jistipola li l-azzjoni għal malafama tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:

*(a) l-awtur, jekk huwa jkun ipproduċa x-xogħol sabiex jiġi ppubblikat, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;*
*(b) l-editur, jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu faċilment identifikati,*
*(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni:*

*Iżda ma jistgħux isiru kawżi separati kontra l-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) hawn fuq dwar l-istess malafama.*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi n-nuqqas ta' indikazzjoni espressa fir-Rikors promotur ta' kwalita' rappreżentattiva li fiha ġie mħarrek il-konvenut Agius, u l-fatt li fir-Rikors saret referenza, minnufih wara ismu bħala wieħed mill-imħarrkin, għall-fatt li huwa jew kien il-"*President tal-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann*", żgur ma jfissirx li l-konvenut ġie mħarrek bħala il-President in rappreżentanza tal-Fondazzjoni

[2] Hija wkoll il-Kap Ezekuttiv tal-Fondazzjoni.

msemmija.  Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li l-konvenut il-Mons. Emmanuel Agius ġie mħarrek f'ismu proprju u mhux f'xi kwalita' rappreżentattiva.

Iżda dak li jeħtieġ li jiġi stabbilit sabiex jiġi deċiż jekk il-konvenut f'azzjoni għal malafama taħt l-Att, ġiex imħarrek tajjeb jew le, u jekk il-malafama hijiex azzjonabbli fil-konfront tiegħu, huwa jekk il-konvenut kienx l-attur, l-editur jew f'każ biss li l-awtur u l-editur ma jkunux faċilment identikfabbli, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.  Fin-nuqqas tal-prova li l-konvenut huwa wieħed mill-imsemmija persuni, ma jkunx jista' joqgħod bħala l-imħarrek f'azzjoni għal malafama.  Mhux meħtieġ li jiġi espressament indikat fir-Rikors promotur tal-azzjoni, li l-persuna qed tiġi mħarrka bħala l-awtur, l-editur jew ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Jirriżulta illi l-attur ħassu malafamat *inter alia* b'silta partikolari, li tinsab f'paġna 11 tal-ktieb u tifforma parti mill-'*Foreword*', miktuba minn ħadd ħlief il-konvenut Mons. Emmanuel Agius, kif del resto ġie wkoll mistqarr minnu stess fix-xhieda tiegħu. Huwa minnu li l-parti ta' ktieb imsejħa l-'*foreword*' ma tifformax parti mix-xogħol prinċipali u ma tkunx ġeneralment miktuba mill-awtur ewlieni tal-ktieb innifsu iżda minn persuna oħra li jkollha xi xejra ta' konnessjoni mal-awtur jew mat-tema tal-ktieb.  Iżda d-definizzjoni ta' 'awtur' għall-fini tal-artikolu 3(3) tal-Att tinkludi mhux biss il-persuna li tikteb il-kontenut tal-pubblikazzjoni bħala l-kittieb ewlieni, iżda wkoll il-persuna li tikteb il-kontenut ippubblikat flimkien ma' ħaddieħor, sija bħala ko-awtur u sija wkoll bħala kontibutur.  **Il-kriterju li għandu jiġi sodisfatt biex persuna titqies bħala l-awtur ta' kontenut ippubblikat, huwa li dak li jkun ġie miktub minnu kienx intiż biex jiġi pubblikat jew jekk il-persuna mħarrka tkunx tat espressament jew taċitament il-kunsens jew awtorizzazzjoni tagħha għall-pubblikazzjoni.**  In-natura diffamatorja o meno tal-kliem impunjat, hija kwistjoni indipendenti li għandha tiġi determinata separatament.

Fil-każ in diżamina, huwa ovvju li l-'*Foreword*' tal-ktieb, miktub mill-konvenut Mons. Emmanuel Agius, għad illi ma jifformax parti mill-korp tal-ktieb ossia x-xogħol prinċipali, kien inddubjament intiż għall-pubblikazzjoni.

Duncan and Neil On Defamation jikkwotaw silta mid-deċiżjoni fil-każ **Bunt v. Tilley** (2006, 3 All ER 336), fejn ġie ritenut:

"*... for a person to be held responsible, there must be knowing involvement in the process of publication of the* ***relevant words****. It is not enough that a person merely plays a passive instrumental role in the process.*" (enfasi tal-Qorti)

Dan jgħodd sija jekk persuna tkun ġiet imħarrka f'azzjoni għal malafama bħala l-awtur jew l-editur, u sija wkoll jekk tkun ġiet imħarrka bħala l-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Għaldaqstant, billi evidentement il-konvenut Mons. Emmanuel Agius huwa l-awtur ta' stqarrija li ġiet impunjata mill-attur fl-azzjoni bħala malafamanti, il-Qorti hi sodisfatta li ġie mħarrek tajjeb u jista' joqgħod fl-azzjoni u konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi respinta.

In kwantu għall-konvenuta Cynthia Degiorgio, mhux kontestat u fi kwalsiasi każ huwa stabbilit mill-provi li hija l-editur tal-ktieb li fih l-istqarrijiet impunjati.

Ikkunsidrat;

L-attur xehed li ħassu malafamat bis-segwenti siltiet fil-ktieb:-

- Is-silta li tinsab f'paġna 11 tal-ktieb, fl-introduzzjoni ("*Foreword*") miktuba mill-konvenut Mons. Emmanuel Agius:-

"*On behalf of the Foundation I would like to address a special word of thanks to our CEO and Curator, Cynthia Degiorgio, who over these past years has expertly steered all the Foundation's projects, bringing them all to successful fruition. Her tangible*

*attachment to St. John's, her managerial skills, her contagious enthusiasm throughout all the conservation projects, have been the hallmark of her tenure in office.*"

L-attur, Dr. Raymond Bondin, xehed illi huwa ħassu aggravat għaliex għamel għoxrin sena jokkupa l-kariga ta' ko-ordinatur eżekuttiv tal-kumitat tal-Valletta Rehabilitation Project, liema kumitat kien responsabbli għax-xogħolijiet u proġetti importanti ta' restawr fil-Belt, inkluż ir-restawr tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann li kien sar fl-2007 b'kollaborazzjoni sħiħa[3] mal-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann li twaqqfet fl-2001. Iżda minkejja dan, fil-ktieb mertu tal-azzjoni, il-konvenut iddikjara li Cynthia Degiorgio kienet responsabbli għall-proġetti kollha li saru mill-2001 'il quddiem meta skont l-attur, dan mhux minnu għaliex fil-perijodu relevanti kienu saru diversi proġetti ta' restawr fi ħdan il-Kon-Katidral, fosthom il-proġett tal-Cappella d'Italia, li twettqu taħt ir-reponsabbilita' diretta tiegħu u li fihom Cynthia Degiorgio ma kellha ebda involviment. Kemm hu hekk, skont l-attur, Cynthia Degiorgio bdiet taħdem bħala kuratriċi tal-Fondazzjoni biss fl-2006[4].

- Is-siltiet li tinsab f'paġna 13 tal-ktieb fejn ingħad:-

"*Several parts of the Church and arefacts had undergone previous interventions to save them or brighten them up, however good intended, the results were often very unfortunate. Although atrophy over time in natural, certain conditions cas accelerate the process. One major intervention was painting the...with several layers of oil-based paint that cause severe capillarisation of rising damp that contributed to the deterioration of the carved and gilded surface*"

L-attur xehed illi l-użu tal-kliem "*to save them or brighten them up*", b'riferenza għal dawk il-partijiet tal-Kon-Katidral u xogħolijiet tal-arti li kienu saru interventi fuqhom

[3] Ara wkoll xhieda tal-Perit Claude Busuttil.

[4] Kevin Attard xehed illi Cynthia Degiorgio bdiet tokkupa l-pożizzjoni ta' kuratur tal-Fondazzjoni fit-23 ta' Lulju 2005 filwaqt li fis-6 ta' Lulju 2007 saret segretarju eżekuttiv u baqgħet impjegata fi ħdan il-Fondazzjoni sal-31 ta' Ottubru 2023.

fil-passat, huwa malafamanti u jweġġgħuh għaliex fil-qasam tar-restawr ma jintużax kliem bħal dak iżda għandu jintuża l-kliem tas-sengħa.

Xehed illi ħassu aggravat ukoll bil-fatt li din is-silta tagħti x'tifhem illi x-xogħol kollu ta' restawr u konservazzjoni li kien sar fil-Kon-Katidral qabel it-twaqqif tal-Fondazzjoni, fi żmien meta kienu taħt ir-responsabbilita' tiegħu il-proġetti ta' restawr kollha fil-Belt Valletta, inkluż fil-Kon-Katidral, kien sar ħażin u iktar minn hekk, ġie msemmi biss f'dan il-kuntest ix-xogħol allegatament ħażin li sar fuq iz-zokkla tal-knisja li ma kienx proġett ta' restawr li kien responsabbli għalih hu. Kemm hu hekk, huwa kien qabbad lill-Perit Conrad Buhagiar biex jagħmel rapport fuq il-problema li kien feġġ fiz-zokkla tan-navi tal-knisja.

Fl-istess paġna 13, l-attur oġġezzjona wkoll għas-segwenti silta:-

"*This book is a consequence of my curatorial career at St. John's Co-Cathedral where I was responsible for the coneravtion of the Church and its artefacts, I trust that it will add to the broader knowledge and understanding of the subject.*"

Saħaq illi sal-2007 il-proġetti kollha ta' restawr u konservazzjoni fil-Belt Valpletta inkluż fil-Kon-Katidral kienu saru taħt id-direzzjoni tiegħu bħala l-persuna responsabbli għall-Valletta Rehabilitation Project. L-iktar wieħed importanti fost dawn il-proġetti kien ir-restawr tal-Cappella d'Italia li kien l-ewwel kappella li ġiet restawrata fil-Kon-Katttidral. Dan ir-restawr kien wieħed kumpless u sar abbażi ta' studji xjentifiċi li saru minn żewġ kumitati internazzjonali tekniċi speċjalizzati maħtura minnu, u kien fetaħ it-triq għall-proġetti l-oħra kollha ta' restawr li saru fil-Kon-Katidral. L-attur saħaq li Cynthia Degiorgio ma kellha x'taqsam assolutament xejn f'dawn il-proġetti kollha tar-restawr għaliex saru qabel daħlet taħdem mal-Fondazzjoni[5]. Iżda minkejja s-sehem ewlieni li huwa kellu fil-proġetti ta' restawr li saru fil-Kon-Katidral matul is-snin u li ġew trattati b'mod speċifiku fil-ktieb[6], l-attur

[5] Ara wkoll xhieda tal-Prof. Keith Sciberras.
[6] Inkluż il-Kripta tal-Granmastri, Cappella d'Italia

jilmenta illi ma jissemma mkien la fil-korp tal-ktieb u lanqas fil-biblijografija, u ma ngħata ebda rikonoxximent kwalsiasi għal sehmu. Ġew esklużi wkoll il-kuraturi ta' qabel li ħadmu miegħu fuq il-proġetti ta' restawr. Huwa saħaq li kien jistħoqqlu jissemma b'xi mod fil-pubblikazzjoni iżda minflok, sehmu ġie oskurat kompletament permezz ta' stqarrijiet mhux korretti li jagħtu x'jifhem li kienet biss Cynthia Degiorgio il-persuna li ħadet ħsieb il-konservazzjoni tal-Kon-Katidral.

Ikkunsidrat;

Illi jmiss li jiġi mistħarreġ u determinat jekk l-istqarrijiet li huma impunjati mill-attur bħala malafamanti, humiex tassew diffamatorji fil-konfront tiegħu.

L-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), jiddisponi li biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Il-Qorti tħoss li għandha tibda biex tippuntwalizza li l-azzjoni għal malafama hija l-istrument legali għad-difiża tar-reputazzjoni li tipprovdi rimedju f'danni għall-ħsara lir-reputazzjoni. L-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jsir f'azzjoni bħal din huwa maħsub għad-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata fihiex imputazzjoni diffamatorja li kkaġunat jew fihiex il-propensita' li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u fl-affermattiv, il-likwidazzjoni tad-danni, u xejn iktar minn hekk. Tabilħaqq l-iskop tal-azzjoni tal-malafama huwa l-għoti ta' rimedju f'danni lill-persuna aggravata għall-ħsara li tkun ġiet ikkaġunata lir-reputazzjoni tagħha b'riżultat tal-pubblikazzjoni diffamatorja. M'huwiex apert lill-attur li jitlob rimedji oħrajn - apparti l-ħlas ta' danni - li m'humiex maħsuba espressament mil-liġi bħala rimedju f'azzjoni għal malafama. Fuq kollox, l-azzjoni m'hijiex intiża biex jiġu korreġuti stqarrijiet li jkunu foloz jew mhux fattwalment korretti jew akkurati, u m'huwiex kompitu tal-Qorti f'azzjoni għal malafama li tiddeċiedi jekk dak li jkun kiteb il-pubblikatur huwiex korrett, jekk kellux jinkludi materjal addizzjonali jew jekk

kellux jiġi mitkub bl-użu ta' kliem differenti minn dawk attwalment użati fid-dikjarazzjoni impunjata.

Jingħad ukoll li s-sodisfazzjon personali tal-persuna aggravata u l-użu tal-azzjoni għal malafama bħala għodda biex tiġi impunjata xi stqarrija li ma saritx skont il-gosti u esiġenzi tal-persuna aggravata, huma mottivi li jmorru lil hinn mill-għan tal-azzjoni għal malafama li m'hijiex intiża lanqas biex jiġi deċiż li l-istqarrija impunjata hija falza[7]. Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, għandu jiġi ppreċiżat li mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

Għandu jingħad ukoll li l-fatt li l-persuna aggravata tkun ħassitha offiża b'xi stqarrija li ġiet ippubblikata m'huwiex rilevanti għas-suċċess tal-azzjoni għal malafama, jekk dik l-istqarrija ma ssarrafx ukoll fi ħsara serja lir-reputazzjoni tal-istess persuna. Reputazzjoni li hija mkejla skont l-istima ta' persuni oħrajn fir-rigward tal-persuna aggravata, mhux skont dak li jaħseb dwaru nnifsu l-persuna aggravata.

Illi biex l-azzjoni għal malafama tirnexxi, il-persuna aggravata għandha qabel xejn tipprova illi l-imputazzjonijiet imnissla mill-istqarrijiet impunjati, huma diffamatorji fir-rigward tagħha. Ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, hu fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama u l-Att jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Il-Qorti tqis ukoll li l-kriterju tal-ħsara sejra lir-reputazzjoni, billi hija fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-malafama, għandu jiġi mistħarreġ qabel kull materja oħra u anke mill-Qorti *sponte sua*.

---

[7] Anke fil-każ fejn l-unika difiża hija l-verita', deċiżjoni favur il-persuna aggravata ma jfissirx li l-istqarrija impunjata tkun ġiet dikjarata li hija falza, iżda tammonta għal dikjarazzjoni li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-istqarrija hija l-verita'.

Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji specifici fosthom ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, għall-azzjonabbilita` tal-allegat malafama, l-Att jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248) u dan sabiex jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Hawnhekk ikun opportun li ssir referenza għall-insenjament fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, in tema tal-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act 2013 (l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku) għall-azzjonabbilita' tal-malafama:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred.* ***This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated.*** ***The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.***[8] (enfasi tal-Qorti)

Dan ifisser li bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja u telf finanzjarju serju għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk,

[8] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et.

mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[9].

Skont Duncan and Neil, 'On Defamation', "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[10]

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as* ***the nature and the inherent gravity of the allegation****, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and* ***whether the allegations were believed****, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication.*"[11]

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova li l-imputazzjoni mnissla mill-istqarrija, fiha tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv, jekk il-pubblikazzjoni kellhiex impatt jew tendenza ta' ħsara.

---

[9] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.

[10] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

[11] Gatley on Libel and Slander (2013 Ed.) 2.4, pg. 39. Enfasi tal-Qorti.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi l-istqarrijiet impunjati mill-attur, kif imfisser fix-xhieda tiegħu, ma jnisslu ebda imputazzjoni diffamatorja.

L-attur jilmenta b'mod ewlieni bin-nuqqas ta' rikonoxximent fil-ktieb, speċifikatament fis-siltiet impunjati, tas-sehem ewlieni li kellu fid-direzzjoni tal-proġetti importanti ta' restawr tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann li ġew trattati fil-ktieb. Għall-Qorti huwa ftit spjegabbli kif l-ommissjoni ta' stqarrija jew kliem f'pubblikazzjoni, ċioe' l-ineżistenza ta' stqarrija jew kliem, jista' jkollha l-effett ta' ħsara serja lir-reputazzjoni ta' min ma ssemmiex fil-pubblikazzjoni: tabilħaqq l-ommissjoni ta' xi dikjarazzjoni li fil-fehma tal-persuna aggravata kellha tkun imsemmija fil-pubblikazzjoni, hija l-antiteżi tal-"*komunikazzjoni ta' kliem*" jew "*immaġini viżwali*" li skont l-Att, tikkostitwixxi l-malafama meta dawn jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna. Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti illi huwa eskluż b'mod assolut f'dan il-każ il-prova tat-tifsira inerentement diffamatorja tal-kliem fis-siltiet impunjati, safejn f'dawn is-siltiet l-ilment tal-attur jikkonsisti fl-ommissjoni ta' xi rikonixxment għal sehmu fil-proġetti importanti ta' restawr fil-Kon-Katidral.

Tqis ukoll illi l-fatt illi jista' jkun li kien l-attur u mhux il-konvenuta Cynthia Degiorgio responsabbli mid-direzzjoni tal-proġetti importanti ta' restawr li saru fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann qabel l-2007 u li ġew trattati espressament f'kapitoli separati fil-ktieb, ukoll ma jnissilx imputazzjoni li hija inerentement diffamatorju. Diġa' ngħad li l-falzita' tal-istqarrija impunjata ma jfissirx li hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex biex stqarrija titqies bħala diffamatorja, irid jintwera li din kellha l-effett ta' ħsara serja fuq ir-reputazzjoni.

Kif taraha l-Qorti, l-attur naqas b'mod assolut milli jressaq xi prova in sostenn tal-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu. L-istqarrijiet li jimplikaw li r-restawr kollu importanti li sar fil-KonKatidral matul l-aħħar għoxrin sena sar esklussivament bil-ħila ta' Cynthia Degiorgio, ma fihom u ma jwasslu ebda tifsira li hija kapaċi tikkaġuna ħsara lir-reputazzjoni tal-attur, wisq anqas ħsara li hija serja. Dan qed

jingħad għaliex il-Qorti ma tirravviżax f'din l-istqarrija xi attakk fuq il-karattru morali jew il-kondotta tal-attur, jew xi imputazzjoni li hi kapaċi timmina l-integrita' tiegħu u tnaqqas mill-istima tiegħu f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali[12] b'mod li: "....[they would] *imply some moral disparagement of the person which tends to lower the plaintiff in the estimation of reasonable people*"[13] jew tolqot sostanzjalment u *"... in an adverse manner the attitude of other people toward the person*"[14]. Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, billi din l-istqarrija ma tirreferi bl-ebda mod lill-attur, huwa eskluż li setgħet kellha impatt ta' ħsara serja fuq ir-reputazzjoni tiegħu.

Iżda fuq kollox, il-Qorti tosserva li l-attur mkien fix-xhieda tiegħu ma fisser x'kienu l-effetti negattivi jew l-impatt ta' ħsara tal-pubblikazzjoni tal-ktieb għal dak li jikkonċerna lilu personalment, u f'ebda waqt ma qal li r-reputazzjoni professjonali jew personali tiegħu ntlaqtet ħażin mill-pubblikazzjoni jew fisser f'hiex tikkonsisti l-ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu.

Minn dan jikkonsegwi illi ebda wieħed mir-rekwiżiti tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, kif ġie mfisser qabel, ma ġie sodisfatt mill-attur għaliex huwa evidenti li l-imputazzjonijiet imnisslin mill-istqarrija ma humiex ta' natura inerentement diffamatorja u ma nġiebet l-ebda prova lanqas dwar xi xejra ta' impatt ta' ħsara serja fil-każ konkret.

Dawn il-konsiderazzjonjiet jgħoddu wkoll bl-istess mod għall-istqarrija l-oħra li hija impunjata mill-attur: illi l-interventi ta' restawr li ma kienux saru taħt id-direzzjoni tal-Fondazzjoni, inkluż dawk il-proġetti ta' konservazzjoni li kienu sar qabel ġiet imwaqqfa l-Fondazzjoni, ma kienux saru skont is-sengħa u l-arti. Mhux talli l-attur naqas għal kollox milli jissodisfa l-kriterji għall-prova tan-natura diffamatorja tal-kliem ta' din l-istqarrija mill-ottika tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu, talli l-Qorti tqis illi l-fatt li l-attur, *ex admissis*, ma jissemma mkien la f'din l-istqarrija

---

g[12] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*
[13] Collins, *ibid*. 6.21, pg. 120.
[14] Collins, *ibid*. 6.23. Ara wkoll **Berkhoff v Burchill** (2010) EWHC, 1414 (QB).

u lanqas f'xi kapitolu jew silta oħra fil-ktieb, ifisser ukoll li hija nieqsa wkoll il-prova li torbot lill-attur mal-allegat malafama.

Għandu jingħad illi l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata hi kundizzjoni essenzjali għall-azzjonabbilita' tal-malafama għaliex jekk il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett ta' dik il-pubblikazzjoni, u tiġi b'hekk eskluża l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni b'effett tal-pubblikazzjoni impunjata.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-

"*A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.*"[15]

Ukoll:-

"*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to*."[16]

Fejn għalhekk, il-persuna aggravata m'hijiex identifikata b'ebda mod mill-pubblikazzjoni nnifisha, hi essenzjali għall-azzjonabilita' tal-malafama, il-prova li li persuna ordinarja u raġjonevoli setgħet tidentifika lill-persuna aggravata bħala l-persuna li qed issir referenza għaliha fil-pubblikazzjoni.

---

[15]. Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.03, p. 106.
[16] Collins *ibid.*, 5.01, p. 105.

Fil-każ in diżamina, il-ktieb la jsemmi lill-attur b'ismu jew b'xi immaġini, u lanqas ma fih xi referenza espressa għall-Valletta Rehabilitation Project li l-kumitat tiegħu kien immexxi mill-attur fiż-żmien rilevanti u li kellu sehem ewlieni fil-proġetti ta' restawr trattati fl-istess ktieb[17].

Skont Gatley:-

" [W]*here the claimant is referred to in an indirect way or by implication it will be a question of degree how far evidence will be required to connect the libel with him. At one extreme, if there is a libel on 'the Prime Minister' that officer does not need to produce witnesses to testify that they know who he is.* ***At the other extreme, the claimant may be only identifiable by reason of extraneous facts which are not generally known, in which case there is no actionable publication unless it is shown that the words were communicated to persons with such knowledge. Even in the latter type of case, however, it is not enough that the recipients of the statement did understand it to refer to the claimant: the issue is whether reasonable people with their knowledge would so understand it.*** *"*[18]

Konsegwentement, l-attur kien jeħtieġlu jressaq prova li kien hemm persuni li kienu jafu li kien id-direttur tal-kumitat tal-Valletta Rehabiiltation Project u li attwalment identfikawh direttament jew permezz ta' inferenza li tinsilet mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, bħala l-persuna fil-mira tal-istqarrijiet impunjati fil-pubblikazzjoni. Fin-nuqqas, l-istqarrijiet ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji għaliex kif rajna, min mhux identifikat ma jista' qatt isofri ħsara lir-reputazzjoni tiegħu, wisq inqas ħsara li hija serja.

---

[17] Fil-każ **Dwek v. Macmillan Publishers Ltd** (2000) EMLR 284 (CA) ġie ritenut:- "*Some people are very well known and it would be obvious that a photograph would be recognised as being of them. In other circumstances it might be that,* ***absent particular evidence, it would not be possible to infer that any single person had understood the publication as referring to the claimant***". (enfasi ta' din il-Qorti)

[18] Gatley, *ibid*. 7.3 p 267.

Huwa minnu li l-attur ressaq bħala xhieda lill-Perit Conrad Busuttil, Prof. Keith Sciberras, Daniela Apap Bologna u Daniel Cilia li lkoll ikkonfermaw li jafu li l-proġetti kbar ta' restawr fil-KonKatidral ta' San Ġwann li saru b'kollaborazzjoni bejn il-Fondazzjoni u l-Valletta Rehabilitation Project, kienu saru wkoll taħt id-direzzjoni tal-attur bħala direttur tal-kumitat tal-Valletta Rehabilitation Project.

**Madankollu, ħadd minn dawn ix-xhieda ma xehdu illi identifikaw lill-attur fil-ktieb bħala persuna li ma ngħatax rikonoxximent għall-ħidma tiegħu fuq il-proġett ta' restawr tal-KonKatidral, jew bħala persuna li f'dan l-istess kuntest ma ssemmix u ma ngħatax għarfien fil-ktieb minflok Cynthia Degiorgio. Iktar minn hekk, ebda wieħed mill-imsemmija xhieda ma qal li huwa fehem li l-pubblikazzjoni qiegħda tattribixxi lill-attur responsabbilita' għar-restawr difettuż li seta' sar qabel it-twaqqif tal-Fondazzjoni jew identifika lill-attur bħala l-persuna li taħt id-direzzjoni tagħha twettqu x-xogħolijiet ta' restawr li fil-ktieb jingħad li ma kienux saru skont is-sengħa jew l-arti. Iżda fuq kollox, ebda xhud minn dawk li ressaq l-attur ma qal li qara l-ktieb mertu tal-kawża u lanqas saret ebda riferenza minn dawn ix-xhieda għal dan il-ktieb, wisq inqas xi riferenza għas-siltiet li qed jiġu impunjati mill-attur bħala malafamanti.**

Għalhekk, ma ġie stabbilit ebda assoċjazzjoni bejn l-attur u l-ktieb jew is-siltiet impunjati: tant hu hekk li f'ebda waqt ma ġie asserit mill-attur innifsu li hemm terzi persuni li assoċjawh mal-istqarrijiet impunjati.

Fir-rigward, Gatley jgħid hekk:-

"*Where the libel does not ex facie refer to the claimant, ... extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant. The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, an ordinary reasonable person would draw the inference that the words referred to the claimant*"[19]

[19] Gatley, Second supplement to the 12th edition, ibid. 7.3, p. 66

**Għaldaqstant, l-attur mhux biss m'hu identifikat b'ebda mod fil-pubblikazzjoni, talli naqas iressaq ukoll prova oġġettiva suffiċjenti li persuna ordinarja u raġjonevoli minħabba xi għarfien ta' fatti estrinsiċi għall-pubblikazzjoni, setgħet tidentifikah bħala l-persuna li l-istqarrijiet impunjati jagħmlu riferenza għaliha.**

Minn dan kollu jikkonsegwi li l-istqarrijiet impunjati mill-attur fil-ktieb ma jistgħu qatt jitqiesu li huma malafamanti għalih u li jikkaġunawlu ħsara serja lir-reputazzjoni, u għaldaqstant, billi ġie stabbilit ukoll li ma l-kriterju tal-ħsara serja li r-reputazzjoni ma ġiex sodisfatt, mhux meħtieġ li jiġu trattati l-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati fir-Risposta tal-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti, tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż u konsegwentement, billi l-istqarrijiet impunjati m'humiex malafamanti għall-attur DR RAYMOND BONDIN, tiċħad it-talba fir-Rikors bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess attur**.

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**